

SOMMARJU TA' DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tal-11 ta' Ġunju 2008****dwar proċediment skont l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/38695 – Klorat tas-Sodju)***(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2626)***(It-testi bl-Ingliż u bil-Franċiż biss huma awtentiċi)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)***(2009/C 137/06)***1. INTRODUZZJONI**

- (1) Fil-11 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tirrigwarda proċedura taħt l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, il-Kummissjoni qiegħda hawnhekk tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u tal-kontenut prinċipali tad-Deċiżjoni, inklużi kull penalità imposta, fid-dawl tal-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.
- (2) Id-Deċiżjoni hija indirizzata lil 8 entitajiet legali: EKA Chemicals AB u l-kumpanija paterna tagħha Akzo Nobel NV; Arkema France SA u l-kumpanija paterna tagħha matul iż-żmien tal-ksur Elf Aquitaine SA; Finnish Chemicals Oy u Erikem Luxembourg SA; il-kumpanija paterna tagħha matul iż-żmien tal-ksur; u Aragonesas Industrias y Energia SAU u l-kumpanija paterna tagħha matul iż-żmien tal-ksur Uralita SA, għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 81 tat-Trattat u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE.
- (3) Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni tinstab fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/comm/competition/index_en.html

2. PROĊEDURA

- (4) Dan il-każ infetaħ fuq il-bażi ta' applikazzjoni ta' immunità mressaq minn EKA Chemicals AB fit-28 ta' Marzu 2003. Fil-30 ta' Settembru 2003, il-Kummissjoni tat lil EKA Chemicals AB immunità kundizzjonali mill-multi f'konformità mal-punt 15 tal-Avviż ta' Klemenza tal-2002⁽¹⁾. Sussegwentement, fil-18 ta' Ottubru 2004, kumpanija oħra, Arkema France SA, applikat għall-immunità mill-multi jew, fl-alternattiva, it-tnaqqis tal-multi. Fil-29 ta' Ottubru 2004, Finnish Chemicals Oy applikat formalment għal tnaqqis tal-multi skont it-taqsima B tall-Avviż ta' Klemenza tal-2002.
- (5) Kienu indirizzati diversi talbiet bil-miktub għal informazzjoni mill-impriżi involuti fl-arranġamenti anti-kompetittivi, kif ukoll għall-produtturi tal-klorat tas-sodju u l-assoċjazzjoni tal-industrija rilevanti.
- (6) Permezz ta' ittra bid-data tal-11 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni infurmat bil-miktub lil Finnish Chemicals Oy bl-intenzjoni tagħha li tagħti lill-impriża tnaqqis ta' 30-50 % tal-multa, skont l-Avviż ta' Klemenza. Bl-istess mod, Arkema France SA ġiet infurmata bil-miktub bl-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni tagħha taħt l-Avviż ta' Klemenza tal-2002.
- (7) L-Istqarrija tal-Oġġezzjonijiet ġiet adottata fis-27 ta' Lulju 2007 u nnotifikata lill-partijiet kollha sal-1 ta' Awwissu 2007. Is-Smigħ Orali tal-każ sar fil-20 ta' Novembru 2007.
- (8) Il-Kumitat Konsultattiv dwar Prattiċi Restrittivi u Pożizzjonijiet Dominanti ħareġ opinjoni favorevoli fit-28 ta' Mejju 2008 u t-6 ta' Ġunju 2008.

(1) ĠU C 45 19.2.2002, p. 3.

3. SOMMARJU TAL-KSUR

- (9) Il-prodott ikkonċernat, il-Klorat tas-Sodju (minn issa 'l-quddiem "KS"), hu prodott użat l-aktar fil-manifattura tad-diossidu tal-kloru li min-naħa tiegħu jintuża għall-industrija tal-polpa u l-karti għall-ibbliċjar tal-polpa kimika. Applikazzjonijiet oħra jinkludu l-purifikazzjoni tal-ilma tax-xorb, l-ibbliċjar tat-tessuti, l-erbiċidi u r-raffinar tal-uranju. Il-valur stmat fis-suq fiż-ŻEE fl-1999 għall-SC kien ta' bejn wieħed u ieħor EUR 203 miljun. L-erba' impriżi involuti fil-ksur kellhom sehem fis-suq ta' stmat għal madwar 93 %, jiġifieri bejn l-EUR 185 and 195 miljun.
- (10) Id-Deċiżjoni kkonkludiet li bejn il-21 ta' Settembru 1994 u d-9 ta' Frar 2000, EKA Chemicals AB, Finnish Chemicals Oy, Arkema France SA u Aragonesas Industrias y Energia SA operaw kartell bil-għan li jaqsmu s-suq tal-KS billi jallokaw il-volum tal-bejgħ u jiffissaw u/jew iżommu l-prezzijiet tas-suq taż-ŻEE. Il-partijiet skambjaw ukoll l-informazzjoni biex jiffaċilitaw u/jew jissorveljaw l-implimentazzjoni għall-arranġament illeċitu.
- (11) L-impriżi involuti segwew strateġija biex jistabilizzaw is-suq tal-KS bl-għan aħħari li jkun allokat il-volum tal-bejgħ tal-KS ma' xulxin, biex jikkoordinaw il-politika tal-prezzijiet lejn il-klijent u b'hekk jimmassimizzaw il-marġini. Qed jintwera b'mod ulterjuri li l-kompetituri għamlu attentat li jimplementaw l-arranġamenti illeċiti tas-suq permezz tar-rinegojar tal-prezzijiet tal-SK mal-klijenti rispettivi.
- (12) Id-Deċiżjoni tiddekrivi f'ċertu dettal l-evidenza li nstabet flaqgħat numerużi bejn tliet partijiet u flaqgħat multilaterali u/jew telefonati bejn ir-rappreżentanti tal-Chemicals AB, Finnish Chemicals Oy, Arkema France SA u Aragonesas Industrias y Energia SA, li f'kollha ġew diskussi l-volum tal-bejgħ u/jew prezzijiet u li fihom ġiet skambjata l-informazzjoni kummerċjali sensittiva.

4. RIMEDJI

4.1.1. Ammont bażiku tal-multa

- (13) L-ammont bażiku tal-multa huwa ddeterminat bħala proporzjon tal-valur tal-bejgħ tal-prodott rilevanti magħmul minn kull impriża fiż-żona ġeografika rilevanti matul l-aħħar sena sħiħa ta' negozju li matulha seħħ il-ksur ("ammont varjabbli"), immultiplikat bl-għadd ta' snin li matulhom seħħ il-ksur, kif ukoll ammont addizzjonali, ("il-miżata tad-dħul"), ukoll ikkalkulat bħala proporzjon tal-valur tal-bejgħ, li hu maħsub li jsaħħaħ l-element ta' deterrent fejn jidħlu l-ftehimiet orizzontali li jiffissaw prezzijiet.
- (14) Wara li ġew ikkunsidrati diversi fatturi, b'mod partikolari n-natura, is-sehem kombinat fis-suq u l-firxa ġeografika tal-ksur, id-Deċiżjoni f'dan il-każ tapplika sew l-ammont varjabbli, kif ukoll il-miżata tad-dħul ta' 19 %.
- (15) Meta jiġi kkunsidrat it-tul ta' żmien tal-ksur għall-entitajiet legali individwali involuti, l-ammont varjabbli għandu jiġi mmultiplikat b'5.5 fil-każ tal-EKA Chemicals AB, Akzo Nobel NV u Finnish Chemicals Oy, b'5 fil-każ ta' Arkema France SA u Elf Aquitaine SA, bi 3.5 fil-każ ta' Aragonesas Industrias y Energia SAU u Uralita SA u bi 3 fil-każ ta' Erikem Luxembourg SA.

4.2. Aġġustamenti għall-ammont bażiku

4.2.1. Ċirkustanzi aggravanti: reċidività

- (16) Fiż-żmien li fih sar il-ksur, Arkema France SA kienu diġà ġew indirizzati lejhom tliet deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni dwar attivitajiet ta' kartelli. Id-Deċiżjoni tikkonkludi li dan jiġġustifika żieda ta' 90 % fl-ammont bażiku impost fuq Arkema France SA.

4.2.2. Ċirkostanzi mitiganti

- (17) Il-partijiet argumentaw favur l-applikazzjoni ta' sensiela ta' ċirkostanzi attenwanti bħala rwol passiv jew rwol minuri fil-kartell, it-terminazzjoni bikrija tal-ksur, l-involvement limitat fil-ksur, il-koo-perazzjoni effettiva li ma taqax taħt l-Avviż ta' Klemenza, in-nuqqas ta' implimentazzjoni fil-ftehim tal-kartell u l-koerzjoni. Dawn l-argumenti kollha ġew rifjutati mid-Deċiżjoni

4.2.3. Żieda speċifika għal skop dissważiv

- (18) Meta wieħed iqis il-ħtieġa ta' garanzija li l-miżati jkollhom effett deterrenti biżżejjed, u meta wieħed iqis id-daqs kbir tal-bejgħ ta' Elf Aquitaine apparti l-bejgħ ta' prodotti u servizzi marbuta mal-ksur, id-Deċiżjoni żżid b'70 % l-multa li għandha tkun imposta fuq din l-impriża.

4.3. L-applikazzjoni tal-limitu tal-fatturat ta' 10 %

- (19) Il-limitu tal-volum tal-bejgħ madwar id-dinja ta' 10 %, ipprovdut fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 ma jintlaħaqx għar-rigward tal-multa li għandha tiġi imposta fuq Finnish Chemicals Oy u fuq Erikem Luxembourg SA. Il-multi rispettivi huma b'hekk aġġustati

4.4. L-applikazzjoni tal-Avviż ta' Klemenza tal-2002: tnaqqis ta' multi

- (20) EKA Chemicals AB, Arkema France SA u Finnish Chemicals Oy kkooperaw mal-Kummissjoni fi stadji differenti tal-investigazzjoni bil-ħsieb li jingħataw trattament favorevoli stipulat mill-Avviż ta' Klemenza tal-2002, applikabbli għall-każ preżenti.

4.4.1. Immunità

- (21) EKA Chemicals AB kienet l-ewwel impriża li infurmat lill-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' kartell fis-settur tal-KS li taffettwa s-suq taż-ŻEE. Għaldaqstant EKA Chemicals AB ikkwalifikaw għall-immunità.

4.4.2. Tnaqqis fil-multi

- (22) Arkema France SA kienet it-tieni kumpanija li avviċinat lill-Kummissjoni. Id-deċiżjoni tikkonkludi li Arkema France SA ma pprovditx valur miżjud sinifikattiv skont it-tifsira tal-punt 21 tal-Avviż ta' Klemenza tal-2002. Għalhekk il-Kummissjoni ma tat l-ebda tnaqqis fil-multa lill-kumpanija.

- (23) Finnish Chemicals li wkoll issottomettiet l-applikazzjoni tagħha taħt l-Avviż ta' Klemenza kienet ippremjata għall-kooperazzjoni tagħha bi tnaqqis ta' 50 % tal-multa.

5. DEĊIŻJONI

- (24) L-impriżi segwenti marru kontra l-Artikolu 81 tat-Trattat u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taqż-ŻEE billi ħadu sehem, għall-perjodi indikati, f'kumplessi ta' ftehimiet u prattiċi miftiehma bil-għan li jiġu allokati volumi ta' bejgħ, prezzijiet fissi, skambji ta' informazzjoni sensittiva kummerċjalment dwar prezzijiet u volum ta' bejgħ u sorveljanza tal-eżekuzzjoni ta' arranġamenti anti-kompetittivi għall-klorat tas-sodju fis-suq taż-ŻEE.

(a) EKA Chemicals AB,

(b) Akzo Nobel NV,

- (c) Finnish Chemicals Oy,
 - (d) Erikem Luxembourg SA,
 - (e) Arkema France SA,
 - (f) Elf Aquitaine SA,
 - (g) Aragonesas Industrias y Energia SAU,
 - (h) Uralita SA.
- (25) Għall-ksur msemmija fl-Artikolu 1, ġew imposti l-multi li ġejjin:
- (a) *EKA Chemicals AB u Akzo Nobel NV, b'mod konġunt jew separatament: EUR 0*
 - (a) *Finnish Chemicals Oy: EUR 10 150 000*
li minnhom b'mod konġunt jew separatament ma' Erikem Luxembourg SA (f'likwidazzjoni): EUR 50 900
 - (b) *Arkema France SA u Elf Aquitaine SA, b'mod konġunt jew separatament: EUR 22 700 000*
 - (c) *Arkema France SA: EUR 20 430 000*
 - (d) *Elf Aquitaine SA: EUR 15 890 000*
 - (e) *Aragonesas Industrias y Energia SAU u Uralita SA, b'mod konġunt jew separatament: EUR 9 900 000*
- (26) L-impriżi msemmija hawn fuq huma ordnati li jtemmu immedjatament il-ksur deskritt, sakemm huma mhux diġà għamli dan, u li ma jirrepetu l-ebda att jew aġir deskritt fil-paragrafu (22), u minn kwalunkwe att jew aġir li jkollu effett jew għan identiku jew simili.
-